MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Numru 612/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Magri)**

**vs.**

**Nikola Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nikola Farrugia, ta’ 57 sena, bin George u Guzeppa nee Catania imwieled fl-Imqabba fil-5 ta’ Dicembru 1950 u li joqghod fil-fond bl-isem “Nick Eugene” Triq il-Konvoj ta’ Santa Maria, Mqabba, detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-numru 128151(m)

Akkuzat talli b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmuling b’resoluzzjoni wahda u cioe:

1. Fil-5 ta' Mejju 2008 ghall-habta tad-9.30 ta' fil-ghodu u fil-granet ta' wara din id-data, fl-ufficini tal-MEPA fil-Furjana, hedded bil-fomm lil Franco Pisani li huwa persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' daki is-servizz.

2. Fil-15 ta' Mejju 2008 ghall-habta tad-9.30 ta' fil-ghodu, attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Franco Pisani li huwa persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel lil Franco Pisani li huwa ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu.

4. Fl-istess dati u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ikkaguna lil Franco Pisani biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra proprjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subiex jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Franco Pisani hekk jibza'.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ir-retroxena ta’ dan l-incident, jew ahjar incidenti, tikkoncerna barriera li kienet tappartjeni lill-imputat. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li biegh din il-barriera, jew kif jghidilha hu “il-hofra”, lil certu John Bonavia pero jghid li l-permess tal-barriera baqa’ jzommu hu. Gara li f’Mejju 2008, l-imputat induna li l-permess tal-barriera biex jaqta’ l-gebel kien inqaleb minn fuq ismu ghal fuq isem John Bonavia wkoll u l-imputat gie infurmat li jekk irid iktar taghrif dwar dan il-qlib ikellem lil Franco Pisani, li huwa Principal Technical Officer fi hdan il-Malta Environment and Planning Authority (MEPA) li jiehu hsieb l-operat tal-barrieri tal-franka u tal-qawwi f’Malta u Ghawdex. L-imputat kien imur il-MEPA ifittex lil Franco Pisani biex jikkjarifika l-pozizzjoni tieghu. Naturalment, din il-Qorti mhix se tidhol fil-kwistjoni jekk dan it-taqlib fil-permess kienx wiehed legali jew le, ghax dik hija kwistjoni li taqa’ fil-gurisdizzjoni tal-MEPA, imma tat din ir-retroxena biex wiehed jifhem il-kuntest ta’ l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

**Provi**

Mix-xhieda ta’ Franco Pisani, l-ufficjal tal-MEPA involut jirrizulta li l-imputat kien mar l-ufficju tieghu l-MEPA erba’ darbiet u l-erba’ darbiet minghajr appuntament. L-imputat kien mar fil-5, fis-6, fit-13 u 15 ta’ Mejju 2008.

Fil-5 ta’ Mejju 2008, l-imputat kien qal lil Franco Pisani li hu, cioe Pisani, kien waqqaflu l-licenzja tal-barriera u akkuzah li ghandu interess personali. Dan huwa korroborat mix-xhieda Dott. Dimitri Oduka u Oliver Magri, ukoll ufficjali tal-MEPA, li kienu prezenti.

Fis-6 ta’ Mejju 2008, l-imputat rega’ mar il-MEPA, pero Franco Pisani ma kienx hemm. Ix-xhud Oliver Magro qal li l-imputat quddiemu u quddiem Dott. Dimitri Oduka qal *“li jekk mhux ser jiehu l-permess ser jispicca hazin, kemm hu u kemm Franco.”*[1]

[1] Ara xhieda ta’ Oliver Magro a fol. 38 tal-process.

Pisani xehed li fit-13 ta' Mejju 2008, l-imputat kien rega' mar il-MEPA u qal lil Pisani li ahjar isolvu l-kaz, *"kemm ghalija u kemm ghalih".* Ix-xhud Oliver Magro xehed li l-imputat qal ukoll lil Pisani biex ma jersaqx lejn il-barriera tieghu.

Fil-15 ta' Mejju 2008, l-imputat kien mar ikellem lil Pisani flimkien ma' John Bonavia, u kienu iltaqghu fl-ufficju tad-Direttur Generali. Prezenti kien hemm ukoll Dott. Dimitri Oduka, u Oliver Magro. F'hin minnhom, waqt id-diskussjoni, l-imputat beda jghezzez il-mejda tal-board room, offenda lil Franco Pisani b'ommu u bid-demm tieghu. Pisani xehed li l-imputat beda jdur mal-mejda biex jahbat ghall-ufficjali tal-MEPA, pero John Bonavia waqqfu. L-ufficjali tal-MEPA bdew jippruvaw jikkalmaw lill-imputat u offrewlu tazza kafe, imma hu qabad u telaq il-barra. Ix-xhieda Dimitri Oduka u Oliver Magro ikkonfermaw li l-imputat kien gholla l-mejda tal-board room, pero qalu li l-imputat ma iccaqlaqx minn postu hlief biex jitlaq il-barra. Ix-xhud John Bonavia, li kien ukoll prezenti fil-Board Room qal li l-imputat sempliciment ghamel idejh mal-mejda u baqa' fejn kien. Pero l-Qorti issib il-verzjoni ta' Oduka u Magro iktar attendibbli, anki ghaliex huma xhieda indipendenti.

Pisani xehed li huwa hassu imbezza' u mhedded bil-kliem u bl-agir ta' l-imputat.

Skond l-imputat, li ghazel li jixhed, hu u Franco Pisani tlewmu xi naqra, u jammetti wkoll li kellmu pastaz. L-imputat cahad li meta kienu fil-board room, huwa qam u hezzez il-mejda, pero ammetta li lil Pisani kien kellmu hazin, u li f'okkazzjoni ohra kien qallu biex ma jersaqlux lejn il-barriera. Ikkonferma wkoll li fl-istqarrija tieghu huwa kien qal li huwa nar tat-tiben, pero jekk ikun jaf li Pisani hadlu l-permess biex itih lil haddiehor *"minix ser niddejjaq naghtih daqqa fuq halqu."*[2] Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li hu kien qal lil Pisani biex ma jersaqlux lejn il-

[2] Ara xhieda ta' l-imputat a fol. 68 tal-process.

barriera tieghu, u jghid ukoll li ghamel li ghamel ghax il-permess tal-barriera huwa hobzu.[3]

Fis-sentenza **Pulizija v. Joseph Gauci**, deciza fit-12 ta' Gunju 2003, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet illi *"Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – xi forma ta' hsara ngusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat: u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "… … e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita della persona a cui e rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro vedere di che cosa sono capace.'[4]"*

Fid-dawl tal-provi kif fuq prodotti, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjoni, cioe li hedded bil-fomm lil Franco Pisani u li gab ruhu b'mod li ikkaguna lil Pisani biza li se tintuza vjolenza kontrih, kemm bil-kliem li qal, kif ukoll meta hezzez il-mejda b'liema agir wera li kien kapaci ikun vjolenti.

Pero l-Qorti ma issibx lill-imputat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u cioe li attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza kontra Pisani jew li bi vjolenza jew b'theddid ikkaguna lil Pisani li jaghmel jew li ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu.

## Piena

Ghalkemm jirrizulta illi l-imputat ghamel dak li ghamel ghax kien inkwetat li se jitlef hobzu, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, socjeta civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat) jhedded jew ibezza' lil dak il-haddiehor – dan aktar u aktar meta dak il-haddiehor ikun persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt u ghaliex jkun qed jaqdi d-doveri ufficjali tieghu. Il-Qrati

---

[3] Ara stqarrija ta' l-imputat a fol. 15 u 16 tal-process.

[4] Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale** Giuffre (Milano), 1986, p.140.

ghandhom id-dmir li jaghtu protezzjoni xierqa lil persuni inkarigati minn servizz pubbliku, mhux biss meta dawn ikunu vittmi ta’ vjolenza fizika jew attiva, izda wkoll meta jisfaw vittmi ta’ vjolenza mentali fil-forma ta’ theddid u agir li jqanqal biza’ ta’ vjolenza, li jista’ jinfluwixxi fuq il-mod ta’ kif jaqdu d-doveri ufficjali taghhom.

Inoltre, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-antecedenti penali ta’ l-imputat kif jirrizultaw mill-fedina penali aggornata, fejn ghandu mhux inqas minn 25 kundanna minn dawn il-Qrati, li ghalkemm hafna minnhom huma in konnessjoni mal-ligi tas-sewqan, jinkludu diversi reati ta’ theddid, ingurja u glied.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 95(1) u (2), 96, 91 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u qieghda tilliberah minnhom, izda issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u tar-raba’ imputazzjoni u qieghda tikkundannah ghal multa ta’ hamest elef Euro (€5,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mija u hamsin Euro (€150.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ April 2012, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------